A.L. 293 ta' l-2004

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33(1), 36(6) u 72 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel l-ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu Ordni ta' l-2004 li jemenda l-Ordni dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali (Emenda Nru. 2), u dan l-ordni għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordni ta' l-2000 dwar id-Delega ta' Infurzar mill-Kunsilli Lokali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 32 ta' l-2000.

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali.

2. L-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali minflok il-kliem "125, 126, 128" taħt l-intestatura Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 ta' l-1994), għandhom jidħlu l-kliem "125 sa 128".